

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [In-NĠE Fil-kwistjonijiet Ċivili U Kummerċjali](#) [Dwar In-Networks](#) > [Malta](#)

Dwar in-Networks

 Malta

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

Bħalissa hemm tliet (3) punti ta' kuntatt tal-EJN f'Malta. Il-koordinament bejn dawn il-punti ta' kuntatt huwa żgurat mill-fatt li dawn il-punti ta' kuntatt jaħdmu fl-istess uffiċċju u jikkooperaw ma' xulxin il-ħin kollu rigward kull suġġett li jinqala' mill-operazzjoni tan-netwerk f'Malta. Dawn il-punti ta' kuntatt stabbilew sistemi ta' kooperazzjoni bejniethom, li jfissru iktar effiċenza fit-tħaddim tan-netwerk, speċjalment meta jipprovdu informazzjoni lil prattikanti privati li jitolbuhom l-informazzjoni.

Dwar in-netwerk nazzjonali

- *Għajnuna Legali*

L-Awtorità ta' Trażmissjoni u li Tirċievi fil-qasam tal-Għajnuna Legali hija l-Avukat tal-Għajnuna Legali, li jopera mir-reġistru tal-Qrati Ċivili, il-Qorti, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, Malta.

- *In-notifika tad-Dokumenti*

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li jinsab il-Palazz, Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta jaġixxi bħala l-Awtorità Ċentrali kemm bħala Aġenzija ta' Trażmizzjoni kif ukoll bħala Aġenzija li Tirċievi fil-qasam tan-notifika tad-dokumenti. Huwa jieħu ħsieb li jibgħat formoli ta' talbiet u jirċievi dokumenti għan-notifika lil aġenziji ta' trażmissjoni barranin u dawn id-dokumenti mbagħad jingħaddew lil persuna inkarigata fil-Qorti għan-notifika skont il-liġijiet proċedurali ta' Malta applikabbli għan-notifika tad-dokumenti.

Bħala parti mill-attivitajiet tagħha waqt in-notifika tad-dokumenti, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-kapaċità tiegħu ta' Aġenzija ta' Trażmizzjoni u/jew li Tirċievi, jikkoopera wkoll mar-rikorrenti u/jew ir-rappreżentant legali tagħhom sakemm issir in-notifika.

- *Talbiet Żgħar*

Il-forum kompetenti għal din it-taqsimha huwa t-Tribunal għal Talbiet Żgħar, li jopera mill-Qorti, il-Belt Valletta. L-appelli għad-deċiżjonijiet ta' dan it-Tribunal, imbagħad, jinstemgħu mill-Qorti tal-Appell fil-Ġuriżdiżjoni Inferjuri tagħha, li wkoll topera mill-Qorti, il-Belt Valletta.

L-awtorità kompetenti f'kull każ tiddependi mir-residenza tal-persuna li l-eżekuzzjoni qed tintalab kontriha. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandhom kompetenza fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' eżekuzzjoni u anke għall-finijiet tal-Artikolu 23, skont l-Artikolu 10(4) tal-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar (il-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta).

- *Il-Ġbir tal-Provi*

Il-Korp Ċentrali huwa l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-Belt Valletta.

Il-Qrati Mitluba huma:

1. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

2. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)
3. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
4. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri) jew (Ġuriżdizzjoni Inferjuri)

Il-Qrati għandhom il-ġuriżdizzjoni li jeżegwixxu ittri ta' talba li jsiru skont it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali.

■ L-aħħar aġġornament: 22/05/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.